MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 216/1996/2

**Maria xebba Debono u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2005, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Frances mart Raymond Galea, Rose mart Anthony Vella u Salvino aħwa Rapa *stante* l-mewt ta' Maria Debono fil-mori tal-kawża**
***v.***
**Michelina Apap u żewġha Carmelo Apap għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali li laqgħet talba tal-attriċi biex titħassar minħabba ingratitudni

donazzjoni magħmula minnha lill-konvenuta. Huwa wkoll appell minn dikriet mogħti mill-istess qorti fit-2 ta' Diċembru 2009 li ċaħad talba tal-konvenuti sabiex il-kawża tiġi dikjarata deżerta taħt l-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: B'kuntratt tas-17 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, l-attriċi Maria Debono kienet tat lill-konvenuta, neputija tagħha, fond f'Għajnsielem, Għawdex b'titolu ta' donazzjoni, b'dan illi żammet il-jedd "ta' użu gratuwitu tul ħajjitha kollha fuq l-immobbli trasferit". Għall-ħabta ta' Ottubru tal-1995 il-konvenuta flimkien ma' żewġha u wlieda marru joqogħdu mal-attriċi f'dan il-fond.

3. Ġara li fil-15 t'Awissu 1996 inqala' episodju bejn l-attriċi u l-konvenuta u, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Mejju 2003, li irriformat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tas-7 ta' Jannar 1998, il-konvenuta nstabet ħatja talli f'dak l-episodju heddet lill-attriċi bi kliem u ħebbet għaliha.

4. L-attriċi fetħet ukoll din il-kawża tallum fil-15 ta' Ottubru 1996 u talbet illi d-donazzjoni tas-17 ta' Frar 1994 titħassar minħabba ingratitudni taħt l-art. 1785 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni (i) illi ma huwiex il-każ illi d-donazzjoni titħassar billi "ma jeżisti l-ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fl-art. 1787 tal-Kodiċi Ċivili", u (ii) illi l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 1790 tal-Kodiċi Ċivili.

5. B'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2005 l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi, iżda sar appell u b'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 din il-qorti ħassret is-sentenza appellata u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din tisma' u taqta' l-kawża kif trid il-liġi.

6. B'dikriet tal-24 ta' Novembru 2009 l-ewwel qorti ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista tad-9 ta' Diċembru 2009 sabiex tinstema'.

7. B'rikors tal-1 ta' Diċembru 2009 il-konvenuti talbu illi l-kawża tiġi dikjarata deżerta taħt l-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi "minn meta ġiet deċiża s-sentenza [tat-3 ta' Ottubru 2008] tal-Qorti tal-Appell sa meta ġiet appuntata mill-ġdid il-kawża minn din il-qorti b'dikriet tal-24 ta' Novembru 2008 għaddew kważi erbatax-il xahar".

8. B’dikriet tat-2 ta’ Diċembru 2009, li minnu issa qiegħed isir appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti wara li sabet illi l-art. 964(1) ma jgħoddx għall-każ billi “din il-kawża ma kenitx differita *sine die* u lanqas ġiet sospiża. *Inoltre*, il-fatt li għaddiet iktar minn sena minn meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell sakemm il-kawża reggħet ġiet appuntata għas-smigħ m’għandu jkun tal-ebda preġudizzju għall-attriċi”. Il-konvenuti b’rikors tas-7 ta’ Diċembru 2009 talbu illi jitħallew jagħmlu appell minn dan id-dikriet qabel is-sentenza definitiva iżda l-ewwel qorti b’dikriet ieħor mogħti fid-9 ta’ Diċembru 2009 ċaħdet it-talba.

9. Imbagħad, bis-sentenza tas-16 ta’ Marzu 2010, li minnha wkoll qiegħed isir dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet tal-attriċi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-artikolu 1790 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li azzjoni għat-tħassir ta’ donazzjoni minhabba ingratitudni “… ma tistax issir ħlief sa żmien sena minn dak in-nhar tal-fatt li d-donatur iġib kontra d-donatarju, jew minn dak in-nhar li d-donatur seta’ jsir jaf b’dak il-fatt”. Jidher li l-perjodu ta’ sena hu perjodu ta’ dekadenza.

“Minn qari taċ-ċitazzjoni hu evidenti li l-attriċi bbażat il-kawża fuq dak li kien ġara fl-aħħar sena qabel ippreżentat iċ-ċitazzjoni, *cioè* fil-perjodu mill-15 ta’ Ottubru 1995 sal-15 ta’ Ottubru 1996. Tant hu hekk li l-inċidenti li rreferiet għalihom kollha jirreferu għal dak il-perjodu. L-attriċi stess ikkonfermat li l-inkwiet inqala’ wara li l-konvenuta marret tgħix magħha fid-dar: “Qabel ma Kelina ġiet id-dar tiegħi miegħi, kienet sewwa – ma kelniex xi ngħidu u kont nistmaha bħal ħutha l-oħra, jew aktar. Iżda x’ħin daħlet id-dar, qisu daħal l-infern – minhabba s-swat li qlajt – ħaġa li qabel f’għomri ma kont(x) għaddejt minnha” (*fol*. 58). Il-konvenuta stess xehdet li marret tgħix mal-attriċi f’Ottubru 1995 (*fol*. 253). Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

“Il-konvenuti kienu talbu li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tiġi sfilzata mill-atti għaliex il-proċeduri kriminali huma indipendenti mill-proċeduri ċivili (ara verbal tas-seduta tal-11 ta’ Jannar 2005 – *fol*. 294). Hu minnu li l-

artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li "L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra".

"Però m'hemm l-ebda provvediment li jipprojbixxi li sentenza li ngħatat f'azzjoni kriminali … tiġi esebita f'kawża ċivili. Anzi l-artikolu 627 tal-Kap. 12 jipprovdi li atti tal-qrati tal-ġustizzja huma "… ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom".

"Is-sentenza esebita mill-attriċi hi fiha nnifisha prova konklussiva li l-konvenuta ġiet akkużata u nstabet ħatja li fil-15 ta' Awwissu 1996 ħebbet u qalet kliem ta' theddid lill-attriċi. *Inoltre*, fil-proċeduri kriminali l-attriċi u l-konvenuta xehdu u għalhekk kellhom l-opportunità li jagħtu l-verżjoni tal-fatti. Wara li l-qorti qieset il-verżjoni tagħhom u ta' min xehed, ikkonkludiet li l-konvenuta kienet ħatja li ħebbet għall-attriċi. Għandna niftakru wkoll li fi proċeduri kriminali l-piż tal-prova tal-prosekuzzjoni hu iktar oneruż minn dak tal-attur fil-proċess ċivili. Wieħed ma jistax jargumenta li tkun qiegħda ssir xi inġustizzja kontra l-konvenuta jekk is-sentenza li ngħatat fid-9 ta' Mejju 2003 fiha nnifisha titqies bħala prova kontra l-konvenuta. Dan meħud in konsiderazzjoni li Michelina Apap kellha kull opportunità li f'dawk il-proċeduri tiddefendi ruħha billi tressaq provi, u saħansitra għażlet ukoll li tixhed u tagħti l-verżjoni tagħha. F'tali ċirkostanzi jkun kontra s-sens komun li tgħid li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma tfisser xejn. Għallinqas għandha tagħti lok għall-presunzjoni ta' ħtija, li tkun tista' titwaqqa' bi provi li jressaq il-konvenut.

"Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, it-talba għall-isfilz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali qiegħda tiġi miċħuda.

*"F'affidavit* li ppreżentat maċ-ċitazzjoni (*fol*. 8), l-attriċi irrakkontat:-

"(a) Inċident meta l-attriċi tat Lm25 lill-konvenuta li riedet Lm45. Meta tatha dan l-ammont, tgħid li l-konvenuta waddbithom għal wiċċha u l-flus waqgħu fl-art. Il-konvenuta qalet lill-attriċi biex tiġborhom mill-art li wieġbet li l-flus kienu tal-attriċi [*recte*, tal-konvenuta] u kellha tiġborhom hi; "Hekk kif għamilt ftit passi hija ġiet tiġri għal fuqi u qabditni minn spallejja u bidet tħabbatni mal-ħajt filwaqt li bdiet tgħidli 'Għax noqtlok, għax noqtlok'. Dak il-

ħin hija bdiet tgħajjarni u tinsulentani u tgħidli li jiena ma kelli xejn hemmhekk u bdiet tagħtini d-daqqiet b'idejha" (*fol*. 9).
"(b) F'lejliet l-ewwel tas-sena kienu sakkruha fid-dar.
"(ċ) Ma kinux igħinuha tant li f'okkażjoni minnhom kellha bżonn tbiddel ċilindru tal-gass u kellha titlob l-għajnuna ta' tifel fit-triq.
"(d) Dwar l-inċident li seħħ fil-15 ta' Awissu 1996 qalet: "… kont qed niekol ftit tal-brodu u hija daħlet minn warajja, qabditni minn għonqi u niżżlitli rasi fil-platt u waħħlitli wiċċi ġol-brodu u qaltli 'Għax nifgak' u wara qabdet imħadda u ipprovat iżżommli n-nifs biha. Jiena ipprovajt naħrab 'il barra imma meta wasalt fejn il-bieb jiena sibtu msakkar u ma stajtx noħroġ. Jiena mbagħad erġajt dħalt 'il ġewwa u Michelina bdiet issawatni u tagħtini b'idejha, bl-imħadda u b'kull ma ġie f'idha" (*fol*. 11). Irrakkontat ukoll li telgħet fuq il-bejt u pprovat tinżel ma' ħajt iżda ċċaqalqet ġebla, waqgħet għal isfel u spiċċat fit-triq. Jirriżulta li għamlet ħamest ijiem l-isptar (*fol*. 12).
"(e) Meta ħarġet mill-isptar marret lura f'darha iżda l-konvenuta u l-familjari tagħha ma kinux ikellmuha.
"Mill-provi irriżulta li l-attriċi kienet tat prokura lill-Arċipriet Dun Ġużepp Zerafa sabiex isarrfilha l-pensjoni. Dan il-qassis kien imur iqarben lill-attriċi darbtejn fix-xahar. M'hemmx dubju li l-konvenuta ma ħaditx pjaċir li l-attriċi kienet tat prokura lil Dun Ġużepp Zerafa, tant li fil-15 ta' Awissu 1996 marret l-uffiċċju parrokkjali għas-sodisfazzjon u li kienet tippretendi li qabel jaċċetta l-mandat kellu jkellimha; "Wara xi argumenti hi qaltli ma rridekx tiġi tqarbinha iktar dment li qiegħda ġo dari" (*fol*. 27). Atteġġjament li fil-fehma tal-qorti juri element qawwi ta' arroganza tal-konvenuta, in kwantu:-
"a. Ma kellha l-ebda jedd tindaħal lill-attriċi dwar min għandu jsarrfilha ċ-ċekk tal-pensjoni, u liema qassis għandu jmur iqarbinha. Għalkemm ta' età avvanzata kellha kull jedd li tieħu deċiżjonijiet mingħajr ebda indħil jew biża' ta' riperkussjonijiet.
"b. Għalkemm hu minnu li l-konvenuta kienet sid tal-fond …, fl-att ta' donazzjoni jingħad li l-attriċi rriżervat id-dritt ta' użu gratuwitu tal-immobbli. Għalhekk il-konvenuta ma kienet qiegħda tagħmel l-ebda pjaċir lill-attriċi bil-fatt li kienet qiegħda tgħix fid-dar.

"Tant il-konvenuta ffastidjat ruhha li l-Arċipriet Zerafa ma baqax jidħol għandha għat-tberik. Qal ukoll: "Wara xi argumenti hi qaltli ma rridekx tiġi tqarbinha iktar dment li qiegħda ġo dari" (*fol*. 27).

"Il-qorti hi moralment konvinta li l-kwistjoni ma waqfitx hemm, fis-sens li kif irrakontat l-attriċi dakinhar stess seħħ l-inċident li fih il-konvenuta:- "qabditni minn għonqi u niżżlitli rasi fil-platt u waħħlitli wiċċi ġol-brodu u qaltli 'Għax nifgak' u wara qabdet imħadda u ipprovat iżżomli n-nifs biha" (*fol*. 10). Jirriżulta li wara l-attriċi telgħet fuq il-bejt tad-dar. Marylee Vella, li nzertat qiegħda fi Triq Ħamri ċċempel minn *telephone box*, spjegat kif rat lill-attriċi tibki u tgħajjat: "'Għinni għax ha naqbeż, sakkruni ġewwa u qegħdin isawtuni'. Kien hemm għoli ta' madwar tmien filati jew aktar minn fuq il-bejt għat-triq. Jiena rħejt it-*telephone* u mort niġri nipprova ntiha l-għajnuna … Maria fil-mument kienet imbeżża' u tibki kemm tiflaħ" (*fol*. 34). Bla dubju dan hu atteġġjament ta' persuna li tinsab f'sitwazzjoni xejn sabiħa. Aġir li m'huwiex kompatibbli ma' dak li rrakontat il-konvenuta li: "Iz-zija reġgħet bdiet tgerger u bdiet titfa' l-botti u l-insolenzi lejja u dak il-ħin illitigajna ftit bil-kliem għaliex wara kollox kulħadd huwa uman u ma rreżistejtx li ma nweġibhiex lura u tlaqt għand ommi billi dakinhar kienet sajret ommi għall-familja" (*fol*. 255). Il-qorti temmen li l-attriċi telgħet fuq il-bejt proprju minħabba l-aġir aggressiv u xejn komplimentuż tal-konvenuta, u mhux għaliex l-anzjana kienet mentalment disturbata jew għaliex riedet tivvinta storja kontra l-konvenuta. F'dan il-kuntest il-qorti ma temminx lill-konvenuta meta qalet:- "Dwar l-inċident li semmit ta' nhar Santa Marija tas-sena 1996, jiena lil Maria bl-ebda mod ma erfajt idejja fuqha jew messejtha ..." (*fol*. 255). Kemm dan m'huwiex minnu rriżulta bl-iktar mod inekwivokabbli mis-sentena tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Mejju 2003 (*fol*. 241).

"Jirriżulta wkoll li wara li ħarġet mill-isptar l-attriċi reġgħet marret tgħix fid-dar li kienet tat lill-konvenuta b'donazzjoni. Il-konvenuta qalet: "Wara dak in-nhar Maria Debono baqgħet xahrejn oħra tgħix magħna qabel ma telqet għand oħti Rose u meta telqet kienet marret bil-kelma t-tajba. Matul dawk ix-xahrejn ir-relazzjonjiet kienu normali u bqajt nixtrilha u nsajjrilha" (*fol*. 255). Però jekk l-affarijiet kienu ward u zahar kif iddeskriviet il-konvenuta u, kif qalet

Theresa Rapa (omm il-konvenuta), l-attriċi kienet fuq wiċċ l-idejn, x'wassal lill-attriċi sabiex toħroġ mid-dar fejn kienet tgħix u tfittex rifuġju għand neputijiet oħra? L-attriċi kkonfermat li marret għand in-neputijiet tagħha u talbithom igħinuha: "Fil-fatt xi xahrejn wara li tlabthom ftiehmu bejniethom li jżommuna erba' xhur kull wieħed" (*fol*. 20). Il-qorti ma taqbilx li dak li ġara kien minħabba l-għira tal-familjari tal-konvenuta għall-fatt li kienet saret id-donazzjoni tal-fond lill-konvenuta. Il-qorti hi moralment konvinta li l-[atteġġjament] tal-konvenuta u l-familjari tagħha kien wieħed ostili li wassal lill-attriċi sabiex titlaq mid-dar u tmur tgħix band'oħra.

"Il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenuta li sabiex donazzjoni titħassar minħabba ingratitudni bażata fuq moħqrija, l-atteġġjament irid ikun "abitwali" u jikkonsisti fi "swat sadistiku". Minn qari tal-artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili hu evidenti li hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti liema aġir jissarraf f'ingratitudni, u inċident wieħed jista' jwassal għat-tħassir tad-donazzjoni. Il-qorti lanqas m'hi konvinta li l-konvenuta rnexxielha tressaq provi sodisfaċenti li l-attriċi kienet ostili jew aggressiva fil-konfront tagħha. L-interess tal-konvenuta kienet li tpinġi f'dawl ikrah lill-attriċi filwaqt li baqgħet tinsisti li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa tagħha. F'dan is-sens hi d-deposizzjoni ta' bintha Bernardette Apap li waqt il-kontro-eżami (*fol*. 220) għamlet ħilitha sabiex tpinġi lill-attriċi bhala persuna li:- dejjem riedet li tgħaddi tagħha; ma kellhiex moħħha ċar u "Ma tistax tkellimha, li taqbad tgħajjat qisha miġnuna" (*fol*. 223); tagħmel ħsara lilha nnifisha billi tagħti fuq wiċċha, tiġbed xagħarha u tigref il-ġilda.

"Ix-xenarju li pprovat tpinġi din ix-xhud ma jsibx konferma fil-provi l-oħra.

"Il-qorti ma tistax tiskarta l-fatt li:-

"a. L-attriċi kellha 85 sena. Għalkemm fir-rigward tal-inċident li seħħ f'Awissu 1996 il-konvenuta ġiet kundannata biss għall-ammenda komplessiva ta' ħamsin lira Maltija (Lm50), dan ma jtaffix il-gravità tal-aġir tagħha. L-attriċi spiċċat kellha tqatta' ħamest ijiem rikoverata l-isptar. Kif osserva l-awtur Laurent: *"Quando si tratta della revocazione fondata sull'ingratitudine, bisogna meno stare al carattere penale che all'elemento morale del fatto di cui il donatario rendesi colpevole*" (*Principii di Diritto Civile*,

Volum XIII pagna 8). Hu evidenti li l-konvenuta ġiet maħkuma minn *raptus* ta' rabja u ħebbet għal mara anzjana. Aġir li qatt m'hu ser jiġi ġustifikat.

"b. L-oġġezzjoni u r-reazzjoni tal-konvenuta għall-fatt li l-attriċi riedet lill-Arċipriet Zahra jibda jsarraf iċ-ċekkijiet tal-pensjoni, huma fihom infushom prova li l-konvenuta kienet arroganti, dominanti u possessiva fil-konfront tal-attriċi. Il-konvenuta ma kellha l-ebda jedd li tindaħal f'dak li kien jikkonċerna l-affarijiet personali tal-attriċi. Irriżulta wkoll per eżempju kif il-konvenuta ma kenitx tkun trid li nies imorru jżuru lill-attriċi: "Jiena ma kontx nista' mmur nara xi ġralha għax kien ikun hemm in-neputija tagħha Lina li kienet tkun għassa u Marija kienet tgħidli li Lina m'għandha pjaċir b'ħadd b'min imur iżurha" (Maria Antonia Borg - *fol*. 32).

"ċ. L-attriċi ttrasferiet il-fond lill-konvenuta mingħajr ma imponiet ebda kundizzjoni fuqha, ħlief li rriżervat id-dritt ta' użu tal-fond. L-inċident li seħħ fil-15 ta' Awissu 1996 juri nuqqas ta' rikonoxxenza u rispett min-naħa tal-konvenuta, *cioè* l-ingratitudni li proprju hi raġuni għar-revoka ta' donazzjoni.

"…

"Għal dawn il-motivi l-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta u:-

"1. tiddikjara li b'applikazzjoni tal-artikolu 1787 tal-Kodiċi Ċivili hemm lok li titħassar id-donazzjoni li saret fis-17 ta' Frar 1994 minħabba ingratitudni, u dan in kwantu l-konvenuta saret ħatja ta' moħqrija fil-konfront tad-donatriċi Maria Debono;

"2. tħassar id-donazzjoni li saret minn Maria Debono lil Michelina Apap permezz tal-kuntratt tas-17 ta' Frar 1994 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo;

"3. Fir-rigward tat-tielet talba [l-jinħatar nutar biex jippubblika l-att ta' tħassir tad-donazzjoni] tiddikjara li m'hemmx ħtieġa ta' pubblikazzjoni ta' kuntratt in kwantu kull ma jrid isir hu li din is-sentenza tiġi insinwata fir-Reġistru Pubbliku bil-mod kif stipulat fl-artikolu 239 tal-Kap. 12.

"Spejjeż a karigu tal-konvenuti."

10. B'rikors tad-29 ta' Marzu 2009 il-konvenuti appellaw kemm mis-sentenza u kemm mid-dikriet tat-2 ta' Diċembru 2009. Is-suċċessuri tal-attriċi (li daħlu fil-kawża

flokha wara li din mietet fis-17 ta' Marzu 2005) wieġbu fid-19 ta' April 2010 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

11. L-ewwel aggravju tal-konvenuti jolqot id-dikriet tat-2 ta' Diċembru 2009. Il-qofol ta' dan l-aggravju huwa illi:

"… teknikament il-kawża kienet ġiet deżerta wara t-trapass ta' sitt xhur (liema żmien huwa wieħed statutorjament 'perentorju') mis-sentenza ta' din il-qorti tat-3 ta' Ottubru 2008, li, wara li ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti tal-14 ta' Diċembru 2005, irrinvijat il-kawża quddiem l-ewwel qorti, f'liema żmien il-kawża baqgħet la ġiet appuntata mill-qorti u lanqas baqa' ma sar ir-rikors mill-atturi appellati biex il-kawza tiġi appuntata mill-ġdid."

12. L-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li fuqu qegħdin jistrieħu l-konvenuti jgħid hekk:

"**964.** (1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet imressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:"

13. Il-kawża ma ġietx "b'ordni tal-qorti differita *sine die*" bis-sentenza ta' din il-qorti tat-3 ta' Ottubru 2008: wara dik is-sentenza l-kawża ma baqgħetx quddiem din il-qorti li għalhekk ma setgħetx tiddifferiha, la *sine die* u lanqas għal xi data speċifika. Bl-istess mod, l-ewwel qorti, wara li l-atti ntbagħtu lura qudiemha u qabel ma appuntat il-kawża għas-smigħ, ma iddifferietx il-kawża *sine die* għax ma tistax tiddifferixxi kawża li għadha ma ġietx appuntata.

14. Lanqas ma ġiet il-kawża "b'ordni tal-qorti … xort'oħra sospiża" billi ma kien hemm ebda ordni, la tal-ewwel qorti u lanqas ta' din il-qorti, li l-kawża tiġi sospiża.

15. Sewwa qalet għalhekk l-ewwel qorti illi l-art. 964(1) ma jgħoddx għall-każ billi "din il-kawża ma kenitx differita *sine die* u lanqas ġiet sospiża".

16. Il-konvenuti jkomplu jgħidu illi:

"Meta l-kawża ġiet irrinvijata quddiem l-ewwel qorti, għalkemm il-kawża għandha titqies li kienet tqiegħdet mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi għas-smigħ kif jipprovdi l-artikolu 963(5)(*a*), jirriżulta però li din tħalliet għal data mhux speċifikata. L-artikolu 963(5)(*a*) tal-Kap. 12 jipprovdi li "meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqiegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement, b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux specifikata, u d-disposizzioniiiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha"."

17. Dan iżda ma hux minnu, għax l-art. 963(5)(*a*) igħodd għal kawża "li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa", waqt illi l-kawża tallum ma hijiex waħda li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma ngħalqux. L-argument tal-konvenuti msejjes fuq l-art. 963(5)(*a*), għalhekk, ma hux relevanti.

18. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell mid-dikriet tat-2 ta' Diċembru 2009 huwa miċħud.

19. It-tieni aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li ċaħdet it-talba tal-konvenuti biex titneħħa mill-inkartament is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Mejju 2003. Dan l-aggravju fissruh hekk:

"… … …l-ewwel qorti … ġiet influwenzata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u direttament jew indirettament għamlet tagħha l-argumenti li ġew adottati mill-Qorti tal-Appell Kriminali mingħajr ma għamlet app-rezzament indipendenti u valutazzjoni sostantiva tal-provi kollha fil-kawża ċivili fosthom ta' xhieda li ma kinux xehdu fil-kawża kriminali … … … Iż-żewġ azzjonijiet huma separati u indipendenti minn xulxin u ġudikat favur jew kontra f'sede penali jitqies li jkun ingħata bla ħsara tal-azzjoni ċivili u dak deċiż f'sede penali bl-ebda mod ma kellu jimpinġi u wisq aktar li jiddomina l-ġudizzju tal-ewwel qorti meta l-provi fil-kawża ċivili kienu sostanzjalment ivarjaw mill-provi fil-kawża kriminali. L-ewwel qorti iffurmat opinjoni preġudikata kontra l-konvenuti appellanti bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u fejn din l-aħħar qorti għażlet li temmen verżjoni minn oħra dwar inċident partikolari li kien limitat għal okkażjoni waħda, l-ewwel qorti iġġeneralizzat u għażlet li temmen lill-attriċi f'kollox

minkejja l-fatt li x-xhieda tagħha fiha kontradizzjonijiet lampanti l-aktar meta tiġi eżaminata fid-dawl ta' xhieda newtrali u disinterassati … … … Fiċ-ċirkostanzi t-talba tal-konvenuti appellanti għall-isfilz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet għalhekk ġustifikata. … … …"

20. Dan l-aggravju jolqot x'aktarx il-piż probatorju li għandu jingħata lis-sentenza, milli l-produċibilità tagħha. Ma hemmx dubju illi s-sentenzi mogħtija f'kawża jistgħu jinġiebu bħala prova f'kawżi oħra[1]; kif sewwa osservat l-ewwel qorti, hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi fl-art. 627 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tgħid illi l-atti tal-qrati tal-ġustizzja "huma ammissibbli bi prova". Ċertament, l-ewwel qorti ma kinitx marbuta li toqgħod fuq is-sentenza kontra l-konvinċiment tagħha, iżda daqstant ieħor ma kinitx marbuta li tiskartaha, kif iridu l-konvenuti, jekk kienet tal-fehma illi setgħet toqgħod fuqha.

21. L-aggravju dwar in-nuqqas ta' sfilz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa għalhekk miċħud, bla ħsara għal kull argument fil-meritu dwar ix-xiehda li s-sentenza hi intiża li tipprova.

22. It-tielet aggravju jolqot l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, u ġie mill-konvenuti mfisser hekk:

"… l-azzjoni attriċi tinsab pienament estinta bit-trapass taż-żmien preskritt fl-artikolu 1790(1). L-attriċi stess tikkontendi li skond hi "il-moħqrija ma kenitx limitata għal okkażjoni waħda, iżda kienet mifruxa fuq perjodu twil ta' xhur – tista' tgħid immedjatament wara li hi kienet addivjeniet għall-kuntratt ta' donazzjoni favur il-konvenuta". Madanakollu l-attriċi ħalliet mhux inqas minn sentejn u tmien xhur igħaddu mill-kuntratt ta' donazzjoni qabel ma ddeċidiet li tieħu azzjoni kontra l-konvenuta minkejja l-fatt li skond l-istess attriċi din l-allegata moħqrija bdiet immedjatament wara li hija kienet addivjeniet għall-kuntratt ta' donazzjoni favur il-konvenuta, u kienet għalhekk taf mal-ewwel b'dan il-fatt u naqset li ġġib l-azzjoni tagħha kontra l-konvenuta fi żmien sena kif hemm preskritt fl-artikolu 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili."

[1] Ara Carmelo Camilleri *v.* Gejtu Cassar, P.A. 1 ta' Diċembru 1955, Vol. XXXIX-II-768.

23. Dan l-argument tal-konvenuti huwa mibni fuq il-premessa fallaċi illi ż-żmien ta’ preskrizzjoni jibda jgħaddi mill-ewwel att ta’ ingratitudni u mhux mill-aħħar wieħed. Fi kliem ieħor, igħidu l-konvenuti, jekk id-donatarju jsir ħati ta’ att ta’ ingratitudni iżda dik id-darba d-donant ma jagħmel xejn għax jaħfirlu, mela wara li tgħaddi sena d-donatarju jista’ jagħmel li jrid u juri ingratitudni kemm irid għax, la ma ressaqx l-azzjoni sa żmien sena wara l-ewwel okkażjoni, id-donant ma jista’ jressaqha qatt iżjed.

24. Dan huwa assurd. L-interpretazzjoni korretta hija illi kull att, jew “fatt” kif issejjaħlu l-liġi, ta’ ingratitudni jagħti kawża għal azzjoni għat-tħassir tad-donazzjoni, u l-għeluq ta’ sena jwaqqa’ l-azzjoni dwar dak il-“fatt” partikolari iżda mhux dwar kull fatt ieħor li jseħħ wara.

25. Fil-każ tallum l-attriċi tallega li seħħ att ta’ ingratitudni fil-15 t’Awissu 1996 u l-kawża nfetħet fil-15 ta’ Ottubru 1996, anqas minn sena wara. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew li ċaħdet l-eċċezzjoni ta’ pre-skrizzjoni, u l-aggravju relativ huwa miċħud.

26. L-aggravji li jmiss jolqtu l-meritu. Essenzjalment, il-konvenuti qegħdin jikkontestaw l-apprezzament tax-xiehda li għamlet l-ewwel qorti.

27. Il-konvenuti jgħidu illi “l-kawża m’hi xejn għajr *messa in scena* li ġiet kondotta b’mod orkestrat minn uħud minn ħut il-konvenuta u żwieġhom”, kif juru “x-xiehda korali tagħhom” u “l-fatt illi l-attriċi qatt ma dehret fil-kawża”.

28. Ċertament dan l-aħħar “fatt” – li “l-attriċi qatt ma dehret fil-kawża” – ma huwiex minnu. L-attriċi xehdet b’*affidavit* x’aktarx dettaljat[2] u xehdet ukoll *viva voce*, kienet kontro-eżaminata f’aktar minn okkażjoni waħda quddiem imħallef supplenti[3] u kienet ukoll konsistenti fix-xiehda tagħha. L-allegazzjoni tal-konvenuti illi “l-attriċi qatt ma dehret fil-kawża” hija fid-dawl ta’ dan kollu inspjegabbli u x’aktarx iddgħajjef l-argument tagħhom.

29. In-neputijiet ukoll – illum atturi – ġew kontro-eżaminati u l-konvenuti kellhom kull opportunità biex b’hekk jikxfu inkonsistenzi fix-xiehda “korali” u “orkestrata” tagħhom jekk tassew kien hemm *messa in scena* kif

---

2 *Foll*. 8 *et seqq*. tal-proċess tal-ewwel qorti.

3 *Foll*. 20 *et seq*. u 56 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

igħidu huma. Il-fatt illi dawn in-neputijiet meta xehdu kellhom interess f'kif tinqata' l-kawża ma jfissirx bilfors li ma għandhomx jitwemmnu.

30. Il-konvenuti jikkummentaw ukoll illi "l-ewwel li m'għamlu dawn it-tliet neputijiet tal-attriċi u qabel ma ġiet istitwita l-azzjoni odjerna, kien li aċċertaw ruħhom li l-attriċi ħassret kull testment preċedenti tagħha, u għamlet testment ġdid favur tagħhom u b'mod esklussiv fejn innominathom werrieta universali tagħha ta' li għandha u li kien għad jista' jkollha … u l-kawża ġiet istitwita ħamest ijiem wara …".

31. Din iżda kienet ħaġa ovvja u naturali li ssir. Jekk l-attriċi kellha l-ħsieb li tħassar id-donazzjoni ma kienx jagħmel sens li tħalli lill-konvenuta werrieta tagħha. Ma hemm ebda prova illi kien kontra r-rieda tagħha u għax imġiegħla illi l-attriċi għamlet it-testment biex tħalli lin-neputijiet werrieta, u dan it-testment ma ġiex impunjat.

32. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi:

"… L-ewwel qorti deher li ma tat ebda importanza dwar il-fatt kif wara l-allegat inċident tal-15 ta' Awissu 1996, Maria Debono għamlet aktar minn xahrejn oħra toqgħod mal-konvenuti fl-istess dar. Is-sens komun igħidlek illi li kieku verament din Maria Debono kienet daqstant maħqura u ttrattata ħażin mal-konvenuti tant li, skond hi, dak in-nhar li seħħ l-allegat inċident telgħet fuq il-bejt u qabżet għat-triq, din Maria Debono la kienet sejra lura toqgħod mal-konvenuti għal aktar minn xahrejn oħra b'perikolu li jistgħu jagħmlulha agħar minn hekk, u wisq anqas in-neputijiet l-oħra tagħha ma kienu sejrin iħalluha tmur lura għand il-konvenuti jekk verament kien il-każ li kienet qed tiġi maħqura."

33. Il-post fejn l-attriċi kienet qiegħda toqgħod mal-konvenuta kien il-post li kienet tat b'donazzjoni, li kienet żammet il-jedd li toqgħod fih u li issa kienet qiegħda tittama li tista' tieħdu lura minħabba l-ingratitudni tal-konvenuta. Wieħed malajr jifhem illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ma kinitx ħaġa faċli għall-attriċi li titlaq minn dik li kienet għadha darha biex hekk aktar tabbandunaha f'idejn il-konvenuta. Barra minn hekk, ma kellhiex post ieħor fejn tmur ħlief f'dar ħaddieħor – għand in-neputijiet atturi tallum – u l-arranġamenti ma' dawn biex tagħmel it-traslok u biex

isir ftehim kemm tagħmel żmien toqgħod ma' dik u kemm mal-oħra ma humiex ħaġa li ssir mil-lum għal għada.

34. Għalhekk, il-qorti ma tarax bħala konklużiv l-argument li l-konvenuti jridu jagħmlu mill-fatt illi l-attriċi damet xahrejn qabel ma telqet minn darha.

35. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi dak li xehdu l-attriċi u n-neputijiet li llum huma atturi wkoll "irid jiġi eżaminat u analizzat fid-dawl ta' xhieda newtrali u li m'għandhomx daqstant interess li jgħawġu l-fatti biex jieħdu xi vantaġġ, bħal dik tat-tabib kuranti taghha Dottor John Xuereb Curmi, l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Għajnsielem Dun Ġużepp Zerafa, u ta' oħt l-istess attriċi, Tereża Rapa".

36. Inċidentalment, il-konvenuti ma jħossux il-ħtieġa li jgħidu illi x-xhud newtrali u disinteressata Tereża Rapa, "oħt l-istess attriċi", hija wkoll omm il-konvenuta.

37. Dwar it-Tabib John Xuereb Curmi, il-konvenuti osservaw illi dan xehed li kien regolarment imur jara lill-attriċi kull xahar u kull meta kienet tibgħat għalih il-konvenuta stess, u qatt ma ra fuqha sinjali ta' swat. Dan il-fatt iżda ma jgiddibx lill-attriċi, kif jippretendu l-konvenuti. Billi l-konvenuta kienet iġġib lit-tabib biex jara lill-attriċi ma jfissirx li kienet iġġib ruħha dejjem sew magħha, u l-episodji bejniethom ma kinux jinqalgħu quddiem it-tabib. Dwar l-episodju tal-15 ta' Awissu 1996 it-tabib xehed illi kienet bagħtet għalih il-konvenuta iżda lill-attriċi ma rahiex għax sakemm wasal kienet laħqet ġiet l-ambulanza u ħaditha l-isptar[4]. Għalhekk ma setax jixhed dwar dan l-episodju.

38. Interessanti iżda dak li qal it-tabib:

"L-uniku ħaġa li qaltli [l-konvenuta], ftit qabel ġrat din il-biċċa xogħol, li kellha xi problemi … minħabba xi karta li kienet iffirmat … … …[5]"

39. Din il-karta, kif josservaw il-konvenuti stess fir-rikors tal-appell, x'aktarx kienet il-prokura li biha l-attriċi kienet ħatret lill-arċipriet bħala prokuratur tagħha biex isarrfilha l-pensjoni. Il-problemi għalhekk x'aktarx inqalgħu għax il-konvenuta ma riditx li l-pensjoni jsarrafha l-arċipriet, tant illi, kif xehed l-arċipriet stess, il-konvenuta

---

[4] *Fol*. 66 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[5] *Fol*. 70 tal-proċess tal-ewwel qorti.

kienet marret għandu, flimkien ma’ żewġha u wliedha, biex targumenta miegħu talli aċċetta l-prokura u biex tgħidlu li ma riditux imur iqarben lill-attriċi fid-dar tagħha[6].

40. Il-konvenuti jikkummentaw ukoll fuq ix-xiehda ta’ dan l-arċipriet, Dun Ġużepp Zerafa. Igħidu illi dan qal illi “ma kienx jaf b’xi kwistjonijiet li kien hemm jew seta’ kien hemm bejn Maria Debono u Michelina Apap”. Igħidu illi li kieku tassew kienet maħqura żgur kienet tgħidlu lill-arċipriet.

41. Li ma qalux il-konvenuti huwa illi Dun Ġużepp qal ukoll dan il-kliem:

“… ma nagħtix lok illi jekk ma jkunx għal affarijiet urġenti … li jkolna diskors. … jien kont immur għat-Tqarbin; kif neħles mit-Tqarbin kien ikolli lil ħaddieħor [għand min] immur.[7]”

42. Xehed ukoll illi l-konvenuta jew xi ħadd tal-familja tagħha “kienu jkunu hemm”[8] u għalhekk mhux neċessarjament l-attriċi kellha l-libertà li tgħid dak li trid.

43. Barra minn hekk, li huwa tassew relevanti mix-xiehda tal-arċipriet hu illi l-konvenuta ħaditha kontrieh – u naturalment kontra l-attriċi wkoll – talli l-attriċi qabbditu jsarrfilha l-pensjoni, u waslet minħabba f’hekk illi ċċaħħad lill-attriċi mit-Tqarbin.

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi ma ntweritilha ebda raġuni tajba u serja għala għandha tgħid illi l-apprezzament tax-xiehda li għamlet l-ewwel qorti kien ħażin u inġust: il-konklużjonijiet tal-ewwel qorti huma motivati sew, wara eżami bir-reqqa tax-xiehda, u ċerta-ment ma hemmx dawk l-estremi li jwasslu qorti ta’ reviżjoni biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel qorti.

45. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż. Is-sentenza ta’ din il-qorti tat-3 ta’ Ottubru 2008, li kienet ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti tal-14 ta’ Diċembru 2005, tgħid illi “l-ispejjeż tal-kawża inkorsi sa issa jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet”. Il-konvenuti għalhekk igħidu illi “ladarba ġà kien hemm sentenza definitiva dwar il-kap tal-ispejjeż sas-

6 *Fol*. 27 tal-proċess tal-ewwel qorti.

7 *Fol*. 196 tal-proċess tal-ewwel qorti.

8 *Fol*. 198 tal-proċess tal-ewwel qorti.

sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008, … l-ewwel qorti riedet tiddeċiedi biss dwar l-ispejjeż li ġew inkorsi wara dik is-sentenza 'l hawn".

46. Dan l-aggravju huwa ġustifikat: la ġà hemm deċiżjoni finali dwar l-ispejjeż sat-3 ta' Ottubru 2008, dik id-deċiżjoni torbot lill-partijiet.

47. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tiċħdu fejn l-appellanti talbu illi jitħassar id-dikriet tat-2 ta' Diċembru 2009 u illi titħassar is-sentenza appellata, u tilqgħu biss safejn talbu illi s-sentenza tiġi riformata fil-kap tal-ispejjeż. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ordnat illi l-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha, u tordna minflok illi l-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza tat-3 ta Ottubru 2008, b'dan illi dawk l-ispejjeż jibqgħu regolati b'dik id-deċiżjoni. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------